MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1243/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR LUKE BONELLO**
**SPETTUR MARIO CUSCHIERI**
**VS**
**MARIN DOBRE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marin Dobre ta' 20 sena, bin Radian u Lucretia nee' Hurmuz, mwieled Rumanija fit- 3 ta' Ottubru 1992, residenti Footloose Appartments, App 201, Triq San Gorg, San Giljan u detentur tal- Karta tal- Identita' Rumena bin-numru 1921003170115;

Talli;

1) fil- lejl ta' bejn it- 23 ta' Novembru 2012 u l- 24 ta' Novembru 2012, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, ikkwalifikat bil- hin, bil- valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2,329.37 ghad- detriment ta' Gianella Gauci;

2) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat liema valur jeccedi l- €232.94 izda ma jeccedix l- €2,329.37 sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentement b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhuhom jew imexxuhom;

3) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, kien jisnab fil- pussess ta' hwejjeg misruqa b' valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2,329.37 minghajr ma kien sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu;

4) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta reat waqt il- perjodu operattiv ta' probation jew matul il- perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif mghotija nhar is- 26 ta' Dicembru 2011 mill- Magistrat Dr G. Vella liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-oggett misruq gie ritornat seduta stante lill-parti leza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------